MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**ID-DISA’ KUNSILL**

SEDUTA NRU. 3 (L-EWWEL PARTI)

6 ta’ Awwissu 2024

Minuti tas-seduta Nru. 3 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f’Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 6 ta’ Awwissu 2024 fil-5:30 pm.

## Attendenza u qari ta’ ittri ta’ apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti fiżikament.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet. Ir-*recording* tagħha jista’ jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku.

1.1. **Minuti**

1.2. Il-minuti tas-Seduta Nru. 2 tad-9 ta’ Lulju 2024, ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: https://melliehalc.gov.mt/minuti-2024/

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

2.1.1. **Appell mill-permess PA 6161/23 – Tqegħid ta’ imwejjed u siġġijiet f’Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II** **(T/4/10/Vol III)**

2.1.2. Saret referenza għall-minuta 5.1.1. tas-seduta preċedenti dwar is-smiegħ tal-appell quddiem it-Tribunal dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li sar fis-16 ta’ Lulju 2024. Dan ġie differit għat-22 ta’ Ottubru 2024 fit-3:30pm, u ingħata żmien sal-15 ta’ Settembru 2024 lill-applikant u lill-Awtorità għar-risposta tagħhom.

2.1.3. Il-Kunsill ħa nota tat-tagħrif mogħti.

**2.2.1. Skambju ta’ żjarat li jinvolvu tfal permezz tal-ġemellaġġ Mellieħa-Cavriglia** **(K/1/5/3/Vol II)**

2.2.2. Saret referenza għall-minuta 5.6.1. tas-seduta ta’ qabel u sar aċċenn għall-imejl datat 15 ta’ Lulju 2024, fejn il-Comune di Cavriglia wieġbu li ż-żjara mit-tfal ta’ Cavriglia tista’ issir mill-4 sal-11 ta’ Settembru 2024, sabiex ikollhom ħin biżżejjed li jsir avviż u ssir l-għażla tat-tfal interessati. Ipproponew ukoll li l-età tkun l-istess bħal dik tas-sena ta’ qabel, filwaqt li jista’ jiżdied l-aspett storiku u jinżamm it-tagħlim tal-lingwa Ingliża.

5.6.2. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jinstab post ta' akkomodazzjoni fil-ftit żmien li fadal.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

3.1. Ma sarux mistoqsijiet f'din il-parti tas-seduta.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 02/07/24;
- Skeda ta' Pagamenti – 09/07/24 – 02/08/24;
- Rendikont Finanzjarju – April / Ġunju 2024;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Użu ta' garaxx taħt il-binja 'Les Deux Freres' fi Triq Nofsinhar k/m Triq San Ġużepp (T/3/2/Vol XVII)

5.1.2. Saret referenza għal imejl datat 16 ta' Lulju 2024, mibgħut mis-Sur Robert Borg, sid il-garaxx imsemmi, fejn qed jilmenta li s-sid tal-garaxx tal-faċċata qed jiggaraxxja vettura kbira u konsegwenza ta' dan jista' faċilment jikkawża ħsara fuq il-ħajt tal-proprjetà tiegħu. Qed jilmenta wkoll li minħabba vetturi ipparkjati quddiem l-istess garaxx huwa jsibħa diffiċli biex jidħol u joħroġ bil-vettura tiegħu.

5.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono spjega li wara talba mis-Sur Borg, fil-5 ta' Ottubru 2018, Tranport Malta approvaw l-introduzzjoni ta' *double yellow lines* fuq in-naħa opposta tal-garaxx tiegħu. Mal-introduzzjoni ta' tali linji, l-utent ta' garaxx fuq in-naħa opposta tat-triq beda jilmenta mal-Kunsill li arranġament bħal dan ipprekludih milli jipparkja, minkejja li dan isir għal intervalli qosra sakemm isir ħatt u tagħbija mill-bini tiegħu matul il-ġurnata biex iforni vetturi li huwa jbiegħ il-ħaxix u frott minnhom. Kien spjegat li dan il-fond huwa kopert minn permess tal-Awtorità tal-Ippjanar - PA 2769/20 - għall-użu bħala ħanut tal-ħaxix (Klassi 4B). Din il-kwistjoni reġgħet tressqet għall-attenzjoni ta' Transport Malta, u fit-22 ta' Novembru 2019 l-istess awtorità approvat li l-linja safra doppja quddiem il-maħżen għandha titnaqqas għal linja safra waħda sabiex ma tikkawżax tbatija żejda lill-operatur fil-ġarr tal-kaxxi tal-frott u ħaxix għal distanzi twal. Għal din ir-raġuni, l-operatur tħallilu parkeġġ limitat. B'dan il-mod, jekk ikun hemm il-bżonn, il-vettura tiegħu tkun tista' tiġi mċaqalqa biex tippermetti l-aċċess minn/għall-garaxx tas-Sur Borg.

5.1.4. Fil-15 ta' Settembru 2023, is-Sur Robert Borg talab għall-introduzzjoni mill-ġdid tal-linji sofor doppji fuq in-naħa opposta tal-garaxx tiegħu fi Triq in-Nofsinhar, kif ukoll l-installazzjoni ta' barrikata fuq il-bankina tan-naħa fejn għandu l-garaxx tiegħu.

5.1.5. Fid-9 ta' Ottubru 2023, il-Kunsill talab lil Transport Malta biex tikkunsidra l-projbizzjoni ta' parkeġġ eżatt biswit il-bieb tal-garaxx tas-Sur Borg, peress li kien diffiċli biex jikkwartja. Fit-12 ta' Ottubru 2023, Transport Malta tat l-approvazzjoni tagħha biex jinżebgħu *double yellow lines* li ma jaqbżux il-wisa' tal-bieb tal-garaxx tas-Sur Borg faċċata tal-istess garaxx.

5.1.6. Kien spjegat ukoll li, kif intqal aktar 'il fuq, is-sid tal-garaxx tal-faċċata juża wkoll il-fond tiegħu biex jiggaraxxja t-trakk li jbiegħ minnu. Minħabba li l-wisa' tal-karreġġjata hija biss ta' 4.3 metri, it-twaħħil ta' barrikata jipprekludi l-użu tal-garaxx, peress li l-*overhang* tat-trakk tiegħu jġielgħu jidħol fuq il-bankina biswit il-garaxx tas-Sur Borg, minħabba t-

tul li għandu. Din il-barrikata ma saritx għaliex kienet ser twaqqaf lill-bejjiegħ tal-ħaxix milli jiggaraxxa t-trakk tiegħu.

5.1.7. Is-Seduta ġiet sospiża għal ftit tal-ħin sabiex is-Sur R. Borg jagħti l-verżjoni tiegħu tal-fatti, li kienet taqbel ma' dik mogħtija aktar 'l fuq. Huwa qal li l-Kunsill preċedenti ma mexiex tajjeb miegħu meta kien hemm fatturi ta' saħħa u sigurtà, kif ukoll ħsara fuq il-proprjetà tiegħek kif kif fatt ġara. Is-Sur Borg allega wkoll li kien hemm diversi istanzi oħra fejn il-Kunsill ma qagħadx lura milli jwaħħa barriers fuq il-bankina.

5.1.8. Meta tkompliet is-seduta, il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jinżamm l-i*status quo* fid-dawl tal-fatt li l-każ kien qed jiġi investigat mill-Ombudsman fuq talba tas-Sur R. Borg.

## SOSPENSJONI TAS-SEDUTA

Minħabba qtugħ fil-provista tal-elettriku, is-seduta ġiet sospiża fis-6:30 pm u kien hemm qbil li l-kontinwazzjoni tagħha għandha ssir nhar it-Tlieta għal nhar it-Tlieta, 27 ta' Awwissu 2024 fil-5:30 pm.

Gabriel Micallef
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**